Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Settembru, 2006

Numru. 404/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
**V**

**MARK MAGRO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARK MAGRO** bin John u Alfred nee Mamo, imwieled nhar l-ewwel ta' Frar 1986u residenti Flat 1, 'Our Nest', Triq Girgor Buttigieg, Nadur Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 8886G gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-hamsa ta' Gunju 2004 ghal habta tal-hamsa w nofs neqsin erbgha minuti ta' filghaxija waqt li kien fi Pjazza Indipendenza, Ghajnsielem, Ghawdex:

1. Saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAH 914 tal-ghamla Ford Escort minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Awtorita tat-Trasport ta' Malta jew mill-Kummissarju tal-Pulizija;

2. Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAH 914 minghajr ma kien kopert b'polza t'assikurazzjoni rigward r-riskju ta' terzi persuni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tissospendi lil hati minn kull licenzja tas-sewqan ghal zmien li jidhrilha xieraq.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil Karen Borg, lil GO 46 Aldo Cauchi, lil Saviour Farrugia bhala rappresentant tal-Awtorita dwar t-Trasport u lil Steve Conti bhala claims manager tal-Atlas Insurance.

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta bla ebda dubbju ta' xejn li nhar l-hamsa ta' Gunju 2004 ghal habta tal-hamsa w sitta w ghoxrin minuta ta' filghaxija, l-imputat kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni BAH 914 fi Pjazza Indipendenza, Ghajnsielem, Ghawdex u habat ma Karen Borg, meta mix-xhieda ta' Saviour Farrugia, rappresentant tal-Awtorita dwar t-Trasport, jirrizulta li l-imputat m'ghandux licenzja tas-sewqan.

Mix-xhieda ta' Stephen Conti, rappresentant tal-Atlas Insurance, jirrizulta li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAH BHA 914 tghajjat lil John Magro u hija koperta b'polza ta' sigurta li tkopri d-drittijiet ta' terzi. Meta Stephen Conti gie mistoqsi mill-Qorti, jekk il-polza tkoprix l-incident li sehh meta l-imputat li m'ghandux licenzja kien isuq, ix-xhud irrisponda fl-affermattiv u qal li mill-ewwel ta' Mejju 2004 'l quddiem u cioe minn meta Malta saret membru tal-Unjoni Ewropeja, kull vettura li ghandha polza ta' sigurta kontra terzi persuni tkopri anke sewwieq li ma jkollux licenzja tas-sewqan.

Il-prosekuzzjoni talbet zmien sabiex tipprezenta nota dwar din s-sottomissjoni moghtija minn Stephen Conti, pero nonostante diversi differimenti, il-prosekuzzjoni qatt ma ppresentat tali nota.

Illli ghalhekk, in vista tas-suespost **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-arltikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 u l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li ssib lil imputat MARK MAGRO hati tal-ewwel akkuza kif dedotta kontra tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hamsin [50] lira maltin u** ai termini tal-artikolu 30 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tordna l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal perjodu ta' xahar mill-lum** filwaqt li tiddikjara **li ma ssibux hati tat-tieni akkuza u tilliberah minnha**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------